

RETTIFIKA

Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/252/UE tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 134 tas-7 ta' Mejju 2014)

Fpaġna 1, il-premessa 3:

- minflok:* “(3) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-imsemmi Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.”
- aqra:* “(3) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit innotifika, b'ittra tal-21 ta' Settembru 2012, ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.”

Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 304 tat-22 ta' Novembru 2011)

Fpaġna 54, il-kolonna fuq il-lemin, it-tielet element:

- minflok:* “Aġent li jagħmel l-ikel ileqq”,
- aqra:* “Aġent ta' glazing”;

Fpaġna 56, l-Anness IX, il-punt 5, it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu:

- minflok:* “5. Fejn ikel solidu jiġi ppreżentat fforma likwida, il-piż nett tal-ikel imsoffi mil-likwidu għandu jiġi indikat ukoll. Fejn l-ikel ikun ġie miksi, il-piż nett iddikjarat tal-ikel għandu jkun mingħajr il-kisi.”
- aqra:* “5. Fejn ikel solidu jiġi ppreżentat fforma likwida, il-piż nett tal-ikel imsoffi mil-likwidu għandu jiġi indikat ukoll. Fejn l-ikel ikun ġie suġġett għall-glazing, il-piż nett iddikjarat tal-ikel għandu jkun mingħajr il-glazing.”.